# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 946/2018 MH**

**Illum, 24 ta' Ottubru, 2020**

**JSDimech Limited (C-34919)**

**vs**

**A.L. Projects Limited (C 12622) u Vince Farrugia (K.I. 679652M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi tal-25 ta' Settembru 2018**:

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat illli waqt is-seduta tal-1 ta' Frar 2019[1] il-Qorti rċeviet informazzjoni illi s-soċjeta` konvenuta dik il-ġimgħa stess kienet ġiet dikjarata insolventi u li ġie maħtur Dr Kevan Azzopardi bħala riċevitur uffiċjali. Il-kawża ġiet differita għan-notifika għat-3 ta' Mejju 2019.

[1] Fol 91

Rat illi waqt is-seduta tat-3 ta’ Mejju 2019[2] deher id-difensur tas-soċjeta’ attriċi li nforma l-Qorti li kienet ser issir in-notifika tad-direttur tas-soċjeta’ konvenuta u l-kawża tħalliet għal dan l-iskop għall-21 ta’ Ġunju 2019.

Rat illi waqt is-seduta tal-21 ta’ Ġunju 2019[3] deher Dr Kevan Azzopardi bħala Riċevitur Uffiċjali u Stralċjarju tal-kumpanija A.L. Projects Ltd u rrileva li l-istess kumpanija ġiet xolta b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ (Kawża Nru 616/17JZM tal-31 ta' Jannar 2019). Huwa sostna li ai termini tal-Art 224(2) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta’ Malta, mal-għoti tal-ordni ta' xoljiment ma jistgħux jibdew jew jitkomplew proċeduri quddiem il-Qorti. Huwa għalhekk irrileva li dak kollu li sar fil-proċeduri odjerni u kull att u dokument illi daħal fl-istess proċeduri wara l-31 ta' Jannar 2019, inkluż in-notifika lilu, għandha tiġi dikjarata null u bla effett u talab l-isfilz tagħhom. Dan stante li ma jidhirx li intalab xi permess mill-Qorti biex dawn il-proċeduri jitkomplew skont kif dettat mill-liġi.

Rat illi in segwitu ta’ dan il-verbal il-Qorti ordnat komunika tal-istess lis-soċjeta’ attriċi sabiex tirregola ruħha. Il-kawza ġiet differita għat-30 ta' Ottubru 2019 għal aktar informazzjoni. Aktar tard wara s-seduta kien deher id-difensur tas-soċjeta’ attriċi li ħa konjizzjoni tal-verbal u l-Qorti ordnatlu li jirregola ruħu.

Rat illi waqt is-seduta tat-30 t’Ottubru 2019[4] deher ir-Riċevitur Uffiċjali u l-istralċjarju tas-soċjeta’ konvenuta kif ukoll id-difensur tas-soċjeta’ attriċi. Ir-Riċevitur Uffiċjali rrefera għad-digriet tal-Qorti tal-21 ta' Ġunju 2019 u rrileva li nonostante d-digriet ta xoljiment tal-Qorti tal-Kummerc kawża 616/17JZM tal-31 ta' Jannar 2019 xorta baqa’ jiġi notifikat b’atti fil-kawża odjerna kif jidher

[2] Fol 98 et seq
[3] Fol 99
[4] Fol 100

mill-folder a fol 92 u dan bi ksur tal-artikolu 224(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji. Minn naħa l-oħra d-difensur tas-soċjeta' attriċi rribatta li in vista tal-fatt li sal-lum is-soċjeta' konvenuta għadha tidher attiva fuq ir-reġistru tal-kumpaniji talab li jagħmel sottomissjonijiet dwar dan il-punt u għalhekk ingħata perjodu lill-partijiet għal dan il-għan.

Rat illi fil-frattemp is-soċjeta' attriċi ċediet il-kawża fil-konfont tal-konvenut Vince Farrugia[5].

Rat illi l-kawża ġiet differita għall-lum għad-digriet dwar it-talba tal-Uffiċjal Riċevitur li dawn il-proċeduri ma jistgħux jitkomplew a tenur tal-artikolu 224 (2) tal-Kap 386 bil-konsegwenzi kollha li jsegwu skont il-liġi.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet u semgħet it-trattazzjoni dwar dan il-punt.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Huwa paċifiku li bis-saħħa ta' sentenza datata 31 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet *Camilleri Paris Mode Ltd et vs A.L. Projects Limited et*[6] il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fost affarijiet oħra ddikjarat li l-kumpanija' konvenuta mhijiex f'qagħda li tħallas id-djun tagħha a bażi tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat ix-xoljiment u l-istralċ tagħha. Ġie maħtur ir-Riċevitur Uffiċjali bħala stralċjarju tal-kumpanija msemmija.

[5] Fol 203
[6] Fol 122 et seq

Għal fini tat-talba li għandha quddiemha din il-Qorti ssir referenza għall-**artikolu 224 (2) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta)** li jgħid hekk –

*"Meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 228, ma tista' tittieħed ebda azzjoni jew jinbdew xi proċeduri kontra l-kumpanija jew il-proprjetà tagħha ħlief bil-permess tal-qorti u taħt dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-qorti."*

**L-artikolu 2 (7) tal-Att** jistipula li -

*"F'dan l-Att u f'kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u t-test Malti, għandu jipprevali t-test Ingliż."*

Għalhekk importanti li ssir referenza għat-test ingliż tal-**artikolu 224 (2) tal-Att** li jgħid hekk -

*"Where a winding up order has been made or a provisional administrator has been appointed in accordance with the provisions of article 228, no action or proceeding shall be proceeded with or commenced against the company or its property except by the leave of the court and subject to such terms as the court may impose."*
Id-diċitura wżata tikkonferma li din id-dispożizzjoni hija waħda tassattiva.

Ingħad hekk dwar dan l-artikolu fil-proċeduri **F.House Investment Ltd vs D.A. Holdings Ltd deċiż fis-7 ta' Marzu 2018** -

*"Illi ssir ukoll referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Banif Bank (Malta) p.l.c.** vs. **Cassar & Schembri (Marketing) Limited et**, datata l-**21 t'April, 2016**, li tirriafferma li:*

*"... l-imsemmi artikolu 224 (2) jirreferi għal kawżi jew azzjoniijiet ġudizzjarji li jittieħdu* ***kontra*** *kumpanija li tkun tqiegħdet fi proċedura ta' stralċ ... Il-kliem tal-liġi jidher li jagħmilha ħaġa ċara li hu maħsub biex iħares lil kumpanija li tkun għaddejja minn proċess ta' stralċ ... milli jinfetħu kontriha kawżi jew jittieħdu kontriha proċeduri b'qorti ... il-legislatur tagħna, għall-kuntrarju, jidher li għażel li dik l-awtorizzazzjoni trid tinkiseb biss fil-każ fejn il-kumpanija mħarrka tkun fi proċess ta' stralċ";*

Fil-każ **Dr. Edward Gatt noe vs TRM Limited (Malta) deċiż fl-10 ta' Ottubru 2007** ingħad hekk –

*"Illi fl-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` intimata (apparti l-fatt li għalkemm ġie rilevat li l-isem tas-soċjeta` huwa propjament TRM Limited u mhux TRM Limited (Malta) – ara verbal 9 ta' Mejju 2006, pagna 12) fit-tielet eċċezzjoni ġie sollevat il-Kapitolu 386 artikolu 224 (2). Dan l-artikolu jgħid hekk: "Meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju, skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 228, ma tista' tittieħed ebda azzjoni jew jinbdew xi proċeduri kontra l-kumpanija jew il-proprjeta` tagħha ħlief bil-permess tal-qorti u taħt dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-qorti".*

*Issa rriżulta li qabel ma ġiet appuntata l-kawża odjerna kienu ġja mibdija u għadhom pendenti proċeduri quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (Rikors Nru. 955/04GC) b'talba għal stralċ ta' TRM Limited. Irriżulta wkoll li kien ġie maħtur amministratur provviżorju. Għalhekk skond l-artikolu 224 ma setgħet tittieħed ebda azzjoni biex jinbdew xi proċeduri kontra l-kumpanija intimata ħlief bil-permess tal-Qorti u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jogħġobha tagħmel il-Qorti iżda tali permess ma ġie pruvat b'ebda mod mill-attur.... Ir-*

*rikorrent ma aderixxiex ruħu ma' dan l-artikolu u għalhekk hu ċar li taħt dan l-aspett l-azzjoni attriċi ma tistax tissussisti.*

*(........)*

*...... huwa loġiku li meta jkun hemm proċeduri għall-istralċ il-Qorti ma tħallix proċeduri oħra sakemm ma jkunx hemm raġunijiet sostanzjali. Hu interessanti dak li ntqal mill-Imħallef Pennycuick J. (fil-kawża Redman (Builders) Limited – Chancery Division (1964) 1 All E. R. 851): "The main purpose of the Act, as I understand it, is the collection and distribution of the assets of companies for the general benefit of their creditors, and amongst the creditors pari passu; and this discretion of the court ought, therefore, as I think, to be exercised, not for the benefit of any particular creditor or creditors but for the benefit of the general body of creditors interested under the Act."*

Fil-każ **Malta Development Corporation vs Paul Mercieca noe deċiż fil-25 ta' Marzu 2002** ingħad hekk -

*"Illi l-Artikolu 224 (2) huwa identiku għall-Artikolu 130 (2) tal-Insolvency Act Ingliza, liema Artikolu jgħid hekk "When a winding-up order has been made or a provisional liquidator has been appointed, no action or proceeding shall be proceeded with or commenced against the company or its property, except by leave of the court and subject to such terms as the court may impose". In vista ta' dan il-fatt tista' ssir riferenza għal ġurisprudenza tal-Qorti Ingliża u għall-insenjament ta' awturi Inglizi in kwantu jirrigwarda l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu.*

*Illi Ian Fletcher f'"The Law of Insolvency" (Sweet & Maxwell 1998) pg. 501, jispjega li "the fundamental principle upon which winding up is based is the collective nature of proceedings. The objective underlying the relevant legal provisions is to ensure that an orderly regime is imposed upon all interested parties, so that none of them individually may contrive to enhance his position by exploiting some fortuitous circumstance which may yield some personal advantage, in the form of a larger proportional return on debts which are due, or*

*a direct and more rapid recovery of payment, than would result from participated in the processes of the winding up, and receiving dividend in common with all other creditors whose debts carry an equal ranking in order of priority". Aktar il-quddiem dan l-awtur ikompli jgħid li "In order to ensure that the above objective is achieved the law establishes a series of barriers to the exercise by a company of its normal rights and remedies when it is prospectively or actually in litigation. By this means, the remaining assets of the company are maintained intact so that they may be administered in accordance with the principles of insolvency law".*

Fl-isfond tal-prinċipji legali u ġurisprudenzjali appena ċitati l-Qorti tissottolinea li l-intenzjoni tal-leġislatur hija ċara u ċioe' li meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju, la jistgħu jiġu istitwiti proċeduri ġodda kontra l-kumpanija jew il-proprjetà tagħha u lanqas jitkomplew tali proċeduri jekk ikunu bdew. L-unika eċċezzjoni hija jekk wara talba appożita l-Qorti tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex il-proċeduri msemmija jibdew jew jitkomplew. Il-logika ta' tali spirtu tal-liġi huwa tant ovvju biex b'hekk ebda kreditur ma jieħu ebda vantagg fuq ieħor fuq l-assi tal-kumpanija b'azzjoni separata mill-istralċ. Għalhekk l-ordni logiku kif kellha timxi s-soċjeta' attriċi kienet li l-ewwel ikun hemm stralċ biex b'hekk il-kredituri jkunu awtorizzati mill-Qorti biex jagixxi kontra il-kumpanija, u biss wara dan jista kreditur jadixxi qorti biex ikun jista jipprotegi l-posizzjoni tiegħu.

Mill-atti tal-kawża rriżulta li r-rikors ġuramentat fil-kawża odjerna ġie preżentat fil-25 ta' Settembru 2018 u l-ewwel smiegħ ġie appuntat għat-12 t'Ottubru 2018. Jirriżulta wkoll li qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna kienu ġja ġew intavolati l-proċeduri Rik 616/07 bit-talba għall-istralċ tal-kumpanija konvenuta (fis-7 ta' Lulju 2017). F'dawk il-proċeduri l-Qorti ordnat ix-xoljiment u l-istralċ tal-kumpanija konvenuta fil-31 ta' Jannar 2019. Ma jirriżultax li f'xi stadju s-soċjeta' attriċi ressqet it-talba meħtieġa a tenur tal-artikolu 224 (2) tal-Kap 386 u kwindi m'ottenietx il-permess tal-Qorti sabiex il-kawża preżenti tkun tista' tiġi awtorizzata u titkompla kif trid il-liġi.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma tara ebda alternattiva legali ħlief li tiddikjara l-waqfien tal-proċeduri odjerni u, kif mitlub mill-Uffiċjal Reviżur, li dak kollu li sar fil-proċeduri odjerni wara d-data tal-31 ta' Jannar 2019 huwa null u bla effett. Dan iwassal ukoll għall-konsegwenza li d-dokumenti kollha in atti preżentati wara d-data msemmija għandhom jiġu sfilzati.

Mhumhiex akkoljibbli l-argumenti mressqa mis-soċjeta' attriċi fit-tentattiv li jissanaw is-sitwazzjoni. Huwa minnu li kif qalet is-soċjeta' attriċi l-azzjoni odjerna nbdiet bħala proċedura ta' giljottina u kwindi f'ċirkustanzi normali l-

konvenut irid l-ewwel jikkonvinċi lill-Qorti li għandu difiża xi jressaq imbagħad wara jingħata l-permess iressaq eċċezzjonijiet. Imma fil-każ odjern in vista tal-ordni li ngħatat fil-31 ta' Jannar 2019 id-dispożizzjoni tal-*lex specialis* (l-artikolu 224 tal-Kap 386) tieħu preċedenza fuq il-proċedura tal-*lex generalis* (l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12). Inoltre l-fatt li jidher li uffiċjalment is-soċjeta' konvenuta ġiet reġistrata bħala *struck off* mill-Awtorita' kompetenti aktar minn sena wara fi Frar 2020 ma huwiex ta' sostenn għat-teżi tas-soċjeta' attriċi għall-fini tal-kawża odjerna. Dan naturalment mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li s-soċjeta' attriċi jista' jidhrilha li għandha tavvanza kontra l-awtorita' konċernata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiddikjara li fil-31 ta' Jannar 2019 saret ordni mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fil-proċeduri Rik Nru 616/17 permezz ta' liema ġie ordnat ix-xoljiment u l-istralċ tal-kumpanija konvenuta u nħatar ir-Riċevitur Uffiċjali bħala stralċjarju tagħha;**

**2. Tiddikjara li s-soċjeta' attriċi ma osservatx id-dettami tal-artikolu 224 (2) tal-Att dwar il-Kumpaniji peress li ma talbitx il-permess tal-Qorti biex tipproċedi bil-proċeduri odjerni.;**

**3. Tordna għalhekk it-twaqqif tal-proċeduri odjerni u tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' attriċi;**

**4 Tillibera lis-soċjeta' intimata mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tas-soċjeta' attriċi.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**